Kunsill Lokali Żejtun
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
*Città' Beland*
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 13/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | | |
| **Data** | 30/09/2010 fis-7.05pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Assenti minħabba xogħol |
| | | Darmanin Richard | Preżenti (Daħal iżda ħareġ mill-ewwel u ma rritornax) |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti mit-8.05pm |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |

**13. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 1. 1 | | Proponent:Pace<br>Sekondant: Seychell | **Il-Minuti 12/10 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet.** | |
| | 12.2.8 | Fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem: 'Il-permess kien bi ħlas ta' €100'. | | |
| | 12.5.4 | Minflok il-kelma 'professur' tidħol il-kelma 'negozjant'. | | |
| | 12.9.1 | Minflok il-kelma 'korrispondenza' jidħlu l-kliem 'kopja ta' l-applikazzjonijiet'. | | |
| | 12.9.11 | Minflok il-kliem 'lecture dwar it-telescopes', jidħlu l-kliem 'sezzjoni dwar l-astronomija'. | | |
| | 12.9.22 | Minflok 'Triq il-Madonna tal-Ħniena' jidħlu l-kliem 'Triq John Borg'. | | |
| 13. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**13. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 2. 1 | 12.2.1 | Viċi-Sindku: Xogħol mill-community worker | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-probation period tal-community worker Benua Camilleri spiċċa. Issa qed nistennew li tintbgħat persuna oħra biex tagħmel xogħol fil-komunita'. | Viċi-Sindku |
| 13. 2. 2 | 12.2.3 | Sindku: PRO Europe Congress Green Dot: Green Economy in Action | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li l-presentation min-naħa tal-Green Dot saret u l-Viċi-Sindku ser tattendi kungress fi Brussell fis-7 ta' Ottubru 2010. | Viċi-Sindku |
| 13. 2. 3 | 12.2.6 | Sindku:Proġett ETC u Istitut Paolo Frere | Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa ma' Fr Vince. | Segretarjat |
| 13. 2. 4 | 12.3.6 | Viċi-Sindku: Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku fakkret lill-Kunsill dwar il-laqgħa li ser issir nhar il-Ħadd 3 ta' Ottubru fis-Sala tal-Parroċċa dwar il-Fondazzjoni Wirt Zejtuni mill-Perit Ruben Abela. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 2. | 5 | 12.5.1 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lill-kunsilliera li taw kontribut fl-attivita' sabiex setgħet tkun suċċess għar-raba darba konsekuttiva: Fenech, Wille Piscopo, Darmanin, Hales u Seychell. Irringrazzjat ukoll lill-istaff. Infurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 10 ta' Ottubru ser issir laqgħa għal dawk li ppartecipaw fl-attivita' fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali. Fenech issuġġeriet sabiex is-sena d-dieħla issir iktar promozzjoni bl-attivita' li kienet għaddejja f'San Girgor. Il-Viċi-Sindku spjegat li n-nies ma setgħetx tittella' aktar bil-karozzini mill-Pjazza prinċipali peress li fi Triq San Girgor inġemgħu ħafna nies. Fenech ġibdet l-attenzjoni li l-palk kien żgħir. Hales faħħar lis-Sindku u lill-Viċi Sindku għax-xogħol li wettqu sabiex din l-attivita' setgħet tittella' filwaqt li Pace issuġerixxa li jsir il-qtugħ taż-żebbuġ mit-tfal qabel l-attivita'. Il-Viċi-Sindku qalet li dan il-proċess ġieli sar fis-snin l-imgħoddija.<br><br>Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd u faħħar ir-re-enactment Commedia dell'Arte mmexxija mis-Sur Narcy Calamatta li sar ħdejn il-Knisja tas-Salvatur. Ix-xogħol dwar il-preparament u organizzazzjoni li wettqet il-Viċi-Sindku Joan Agius kien apprezzabbli. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 13. | 2. | 6 | 12.9.1 | Seychell: Plot fi Triq Kastellan | Seychell staqsa jekk inkitbitx l-ittra lill-Awtorita' tad-Djar kif ġie deċiż fil-laqgħa li għaddiet. Is-Segretarjat wieġeb fl-affermattiv iżda s'issa għadna qed nistennew risposta. | |
| 13. | 2. | 7 | 12.9.5 | Viċi-Sindku: Abbuż ta' rimi ta' skart fi plot fi Triq Tamburin | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk sid l-għalqa li fiha qed isir abbuż ta' rimi ta' skart jistax itella' ċint kif titlob il-liġi. Is-Sindku spjega li meta saret it-triq mill-Gvern Ċentrali sid l-għalqa ġie avviċinat biex jirregolarizza ruħu iżda xorta waħda l-plot baqgħet fl-istess stadju li tinsab fiha illum. Il-Kunsill xorta waħda min-naħa tiegħu ser jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA dwar din is-sit. | Segretarjat |
| 13. | 2. | 8 | 12.9.6 | Fenech: Skema FES | Fenech talbet lis-Segretarjat sabiex jerġa' jagħmel kuntatt ma' l-FES sabiex jara jekk l-iskema għalqitx jew ġietx estiża. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 9 | 12.9.7 | Sindku: Ġibjuni | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-iżbroff tad-drenaġġ fil-ġibjuni ta' Ġebel San Martin tul din il-ġimgħa meta għamlet dik ix-xita qawwija. Il-Kunsill kien ilu minn Awwissu jilmenta mad-dipartiment tad-drenaġġ dwar riħa tad-drenaġġ fl-inħawi ta' Ġebel San Martin. Proprju din il-ġimgħa dan id-dipartiment bagħat lill-ħaddiema tiegħu sabiex issir inspection chamber oħra biex jitneħħa dan l-inkonvenjent għar-residenti. Meta kienu qed jagħmlu ix-xogħol waqgħu 2 knatan kbar ġol-main u bix-xita li għamlet faqgħu il-manhole. Saret ħsara kbira fil-ġibjuni kif ukoll f'kantina privata. Is-Sindku għamel kuntatt mas-Sur Joe Curmi, Kap tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li saħansitra ġie fuq il-post bil-lejl fejn qal li temporanjament ser jagħlaq wieħed mill-ġibjuni sabiex jitneħħa l-ilma kollu kontaminat u jħalli l-ieħor miftuħ sabiex jekk tagħmel ix-xita l-ilma jkollu fejn imur. | |
| 13. 2. 9 i | | | Is-Sindku ħataf l-opportunita' u ħa lis-Sur Curmi Ħajt il-Wied u Xrobb l-Għaġin fejn ikkonferma li għall-aħħar sit hemm kollox lest biex jibda x-xogħol. Qed jistennew il-permessi tal-MEPA. Dwar Ħajt il-Wied wiegħed li ser imexxi l-każ 'l quddiem. Is-Sindku informa lill-Curmi ukoll dwar it-toroq li tressqu għall-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma minħabba l-proġett tal-public private partnership. | |
| 13. 2. 9 ii | | | Hales staqsa jekk inkitbitx l-ittra sabiex jiġu ri-attivati l-ġibjuni kif imsemmija fil-laqgħa preċedenti. | |
| 13. 2. 9 iii | | | Is-Sindku semma l-propjeta' ta' Caruana Bros li hemm f'Misraħ ir-Repubblika li fiha daħal madwar 2 piedi ilma fil-basement meta għamlet ix-xita. Is-Sindku spjega li hemm problema kbira u hemm bżonn ta' espert sabiex il-problema tissolva. Mhux eskluż li l-ilma ġej mill-ġibjun tal-Knisja jew dak nofsu taħt it-triq. Iżda jista' jagħti l-każ li l-ilma ġej mix-xelter biswit din il-proprjeta'. | |
| 13. 2. 10 | 12.9.10 | Hales: Tindif tal-Barumbara | Hales informa lill-Kunsill li l-barumbara ta' Ġnien San Girgor ser titnaddaf minn Ronald Bezzina għall-prezz ta' €140. Hales qal li sar tentattiv biex titnaddaf din il-ġimgħa izda ċ-ċavetta li kellu l-Kunsill ma qablitx. Hawnhekk Hales insista l-Kunsill Lokali ikollu ċ-ċwievet kollha anke meta jinbidlu l-katnazzi. | Hales |
| 13. 2. 11 | 12.9.11 | Fenech: Horse Riding | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-horse riding ser issir nhar il-Ħadd 10 ta' Ottubru 2010. | Fenech |
| 13. 2. 12 | 12.9.12 | Fenech: Tpenġija ma-ħajt f'San Girgor | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser tagħmel kuntatt ma' l-MCast il-ġimgħa d-dieħla meta jidħlu l-istudenti l-ġodda ta' dan il-kulleġġ sabiex it-tpenġija mal-ħajt issir mill-istudenti li ser jidħlu għall-kors ta' l-Art & Design. | Fenech |
| 13. 2. 13 | 12.9.21 | Viċi-Sindku: Ħajt ħdejn il-Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li għalkemm il-festa tal-Madonna tal-Ħniena għaddiet, xorta waħda l-ħajt baqa' kif kien mingħajr manutenzjoni. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Influwenza | ... Sindku ... appuntat lill-Kunsill li bħalissa qed jinkitbu n-nies li huma interessati li jieħdu l-vaċċin kontra l-influwenza. L-appuntament qed jingħata hekk kif wieħed jirreġistra għat-tilqima. Dan sabiex jiġi evitat ħafna xogħol amministrattiv. S'issa dan l-eżerċizzju rnexxa. L-avviż fil-quddies ser isir is-Sibt u l-Ħadd 2 u 3 t'Ottubru. | Viċi-Sindku |
| 13. | 2. | 15 | 12.9.26 | Sindku: Żejtun Corinthains | Is-Sindku spjega li l-ftehim maż-Żejtun Corinthians ġie iffirmat minnu u mill-kunsilliera Fenech. Ix-xogħol li sar fuq it-twaqqigħ tal-kmamar li kien hemm kif ukoll fuq il-bini ta' kmamar ġodda kollox sar bil-permessi tal-MEPA kif ukoll bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien. Qegħdin fil-proċess biex inġibu l-compliance certificate. | |
| 13. | 2. | 16 | 12.9.28 | Sindku: Teleworking mill-impjegata C. Schembri | Wara l-laqgħa tas-Sindku flimkien mal-Viċi-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegata Schembri intlaħaq ftehim biex tlett darbiet wara nofsinhar isir xogħol mid-dar u żewġ nofstanhari fil-ġimgħa jittieħdu mil-leave tagħha. Dan b'seħħ mill-1 ta' Ottubru. | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |

**13. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML13/10. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 3. | 1 | 01 | MEPA: PA03515/10 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA dwar l-impatt li jista' jħalli fuq ir-residenti li joqgħodu viċin dan il-ħanut.** | Sindku |
| 13. | 3. | 2 | 04 | DLG: Memo 126/10 | **Is-Sindku nkariga lill-Viċi-Sindku u lill-Fenech sabiex itellgħu attivitajiet biex jinġabru fondi għall-Malta Community Chest Fund bejn id-19 u l-21 ta' Novembru.** | Viċi-Sindku<br>Fenech |
| 3. | 3. | 3 | 05 | DLG: Memo 73/10 | Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jiċċekkja jekk l-ammont ta' €100 li l-Kunsill ingħata għall-Premju Lokalitajiet Indaf hux korrett. | Segetarjat |
| | 3. | 4 | 08 | OPM: ICT4all - Korsijiet tal-Kompjuter | Il-Kunsill ġie infurmat li ser isiru korsijiet tal-kompjuter ta' l-internet, mill-Gvern Ċentrali fl-Inspire,ex Eden Foundation, Bulebel. L-applikazzjonijiet diġa' jinsabu mill-Kunsill u jridu jintbagħtu bil-posta mill-applikanti kif indikat fl-applikazzjoni. | |
| | 3. | 5 | 10 | TM: Laqgħa link roads Smart City Malta | Is-Sindku ser jattendi laqgħa ta' informazzjoni li ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru fis-1.15pm sabiex jiġi diskuss l-Environment Impact Assessment bħala parti mill-applikazzjoni tal-link road minn Ħaż Żabbar għal Smart City Malta ġewwa l-Kalkara. | Sindku |



Il-Ħamis, 30 ta' Sett...
Seduta 13/10

| Referenza | Rif | Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 6 | 11 | TM: Pedestrian Crossing fi Triq A. Cachia Zammit | Trasport Malta talab lill-Kunsill sabiex iz-zebra crossing li hemm fi Triq A Cachia Zammit bejn Triq Santa Katarina u Triq il-Ħaddara tiċċaqlaq bejn Triq il-Ħaddara u Triq Salvu Cacciattolo. Din iz-zebra crossing tista' issir pelican crossing iżda qabel isir ix-xogħol hemm bżonn li jsiru pedestrian u traffic counts għal sagħtejn waqt l-iktar ħinijiet li tiġi frekwentata din it-triq matul il-ġimgħa u oħra fi tmiem il-ġimgħa. Is-Sindku spjega li l-Kunsill m'għandux għodda biex jagħmel dan ix-xogħol u l-Kunsill dejjem sostna li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilta' ta' TM. | |
| 13. 3. 7 | 12 | TM: Double yellow line Triq Villa Cagliares | Dwar is-single yellow line eżistenti quddiem residenza nru 18 fi Villa Cagliares biex jinbidel għal double yellow, **il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-TM sabiex dawn il-lines isiru minn TM peress li ser isiru għall-ewwel darba.** | Segretarjat |
| 13. 3. 7 | 15 | E. Galea: Periklu fi Trejqet il-Kebbies tal-Fanali | **Il-Kunsill qabel li jitlob il-permess ta' TM sabiex Trejqet il-Kebbies tal-Fanali tingħalaq għat-traffiku minħabba l-periklu eżistenti għar-residenti u għall-pedestrians mill-vetturi li jgħaddu minn din it-triq dejqa.** | Darmanin |
| 13. 3. 8 | 16 | C. Debattista: Misraħ Kanonku Giov Vella | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-vetturi abbandunati li kienu pparkajti fi Triq Labour issa spiċċaw f'Misraħ Giov Vella kif imsemmi mis-Sur Debattista. Hales staqsa meta ser isir ir-riabilitazzjoni ta' dan il-misraħ. Is-Sindku spjega li meta mar biex jinbeda x-xogħol xi residenti lmentaw li t-triq kienet ser tidjieq u għaldaqstant ix-xogħol ma sarx. | Sindku |
| 13. 3. 9 | 19 | RC: Dogs Trust | Is-Sindku nkariga lill-Viċi-Sindku sabiex issegwi din il-korrispondenza. | Viċi-Sindku |
| 13. 3. 10 | 20 | A.Abela & S. Bonnici: Triq Orazio Diacono | Wara li nqrat l-korrispondenza tar-residenti effettwati mill-għargħar fi Triq Orazio Diacono, is-Sindku spjega li kienu nbnew żewġ bjar liema bjar ntlew u jinsabu mifqugħa. Għadna ninfurmaw il-Perit li kien inkarigat u nistgħux nnaqsu l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq it-Tempju. | |
| **13. 4.** | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 13. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 13/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 13. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 13/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 13/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 13. 4. 2 i | 23 | Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kont ta' DSS Audio Rentals jinkludi kiri ta' sound is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta' Settembru waqt l-attivita Żejt iż-Żejtun f'erba' postijiet differenti. L-Audio systems kienu ta' kuntratturi differenti. | | |
| 13. 4. 2 ii | 44 | Il-ftehim mas-Sur N. Calamatta kien ta' €1,000 għall-performance waħda. Id-differenza ta' €400 kif jidher fil-lista tal-pagamenti kien ftehim li ntla]aq wara biex tkopri t-tieni performance. | | |
| 13. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 13/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | ...unsill approva nem.con in-nefqa tal-petty cash għax-xahar ta' Settembru li kien jammonta għal €180.75 hekk kif preżentat. | Segretarjat |

**13. 5.** **Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku qal li l-madum tlesta mill-PSV. Biex jitkompla x-xogħol iridu jsiru l-pajpijiet ta' l-ilma u drainage. | Sindku |

**13. 6.** **Passaġġ fi Triq Kemmun Ħelu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | **Il-Kunsill qabel li għandu jġib kwotazzjoni mingħand PSV sabiex passaġġ fi Triq Kemmun Ħelu u Trejqet Litfija jsiru bil-madum non-slip.** | Segretarjat |

**13. 7.** **Misraħ Indipendenza**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 7. 1 | | Segretarjat: Jirraporta | Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta għall-korrispondenza li l-Kunsill bagħat dwar il-kwistjoni tat-tkabbir tas-suq f'Misraħ Indipendenza. | |

**13. 8.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 13. 8. 1 | | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. |

**13. S.** **Sospenzjoni tal-Agenda - Diskussjoni Tender Ġbir ta' l-Iskart**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 13. S. 1 | | | Is-Sindku talab sospensjoni tal-agenda sabiex il-Kunsill jiddiskuti t-tender għall-ġbir ta' l-iskart liema dokumenti infetħu t-Tlieta 28 ta' Settembru. Il-Kunsill approva din is-sospensjoni. Id-dokumenti ta' l-offerta kollha kienu preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. |
| 13. S. 2 | | | Tqassmet is-schedule of tenders lill-kunsilliera. Il-bidders ta' din it-tender kienu: Frans Said, Antoine Bartolo, Clean Away (Michael Darmanin) u Ronald Bezzina għal option A u B filwaqt li Clean Away (Michael Darmanin) u Ronald Bezzina kienu l-bidders ta' option B/2. Il-Kunsillier R. Darmanin li għandu parentela mal-kuntrattur Clean Away, kien ilu li ħareġ mil-laqgħa u ma rritornax. |

3 Tqassmet kopja ta' l-sms li l-mara ta' Robert Debono irċeviet mill-GRTU. Debono ma kienx wieħed mill-bidders. Tqassmet ukoll l-ittra ta' l-uffiċċju tal-kompetizzjoni ġusta diskussa fil-laqgħa preċedenti li kienet tgħid li kulħadd għandu dritt jitfa' tender mingħajr theddid u li qalet lill-Kunsill imexxi bit-tender, l-istess kif kien irrakomanda d-Direttur is-Sur Martin Bugelli. Tqassmu ukoll ir-rapporti ta' l-evalwazzjoni fejn ġie elenkat u diskuss kif ingħataw il-punti. Finalment il-kuntratturi ġabu dawn il-punti: Frans Said 63, Clean Away Service Ltd. 74, Ronald Bezzina 96, Antoine Bartolo 67. Dawn kien jgħoddu kemm għal Option A u B.Ghalhekk skond din l-evalwazzjoni fl-ewwel post gie R. Bezzina u fit tieni post il-Clean Away Services Ltd.

13. S. 4 Inqrat l-ittra tal-Clean Away Service Ltd. li jekk il-kuntrattur jingħata t-tender il-kuntrattur lest li jġib vetturi minn barra bi standards ewropej u bins godda skond kif jixtieq il-Kunsill. Inqrat ukoll l-ittra tal-kuntrattur Frans Said fejn offra li d-disposal fees (Euro 0.91) jitħallsu minnu jekk dawn ma jaqbużx it-8 tunellati kuljum. Il-kumplament jitħallsu mill-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li l-orħos offerta mhux bil-fors tkun l-aħjar.

13. S. 5 Skond dan ir-riżultat l-aħjar offerta f'sens finanzjarju kienet dik ta' Ronald Bezzina. Il-Kunsill iddiskuta il-performance ta' Bezzina vis-à-vis ix-xogħol li kien qed jagħmel l-istess Bezzina skond il-kuntratt tat-tindif ta' non urban roads li dejjem kien wieħed sodisfaċjenti. Dwar il-ġbir ta' l-iskart domestiku dan kien qed jagħmel servizz f'Santa Luċija u l-Kunsill ta' Sta. Luċija ikkonferma li kien sodisfatt bix-xogħol tiegħu. Barra minn hekk ir-rekwiżiti kollha skond it-tender requirements kienu kollha regolari.

13. S. 6 L-offerti għall-ġbir ta' skart bil-bins on wheels f'żona B kienu tnejn waħda ta' Bezzina bil-prezz ta' €1.70 kull bin kuljum u l-oħra ta' Clean Away bil-prezz ta' €3.50 kull bin kuljum, differenza qawwija ferm.

13. S. 7 L-istess fatt kien jikkonċerna l-ġbir ta' skart bieb bieb fl-istess żona (Zona B ) Dik ta' Clean Away bil-prezz ta' €260 kuljum u Ronald Bezzina €210 kuljum. Zona B daħal protest u l-process twaqqaf.

13. S. 8 Billi l-evalwazzjoni indikat ċar li l-offerti li kien qed jagħmel Ronald Bezzina kienu l-aktar vantaġġjużi kemm fiż-żona A kif ukoll żona B u dan il-kuntrattur kellu kollox skond il-kriterji mitluba fit-tender documents, il-proposta kienet li nimxu skond ir-riżultati tal evalwazzjoni għalhekk, **il-Kunsill b'mod unanimu wasal għall-konklużjoni li jirrakomanda li t-tender għandha tingħata lis-Sur Ronald Bezzina, fil-lokalita' kollha ġbir ta' skart bieb bieb b'effett mill-1 ta' Novembru 2010.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. S. 9 | | | **Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat id-dokumentazzjoni kollha dwar dan it-tender lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex a) ikun infurmat bil-proċess b) jinvestiga dwar l-SMS's tal-GRTU c) jistenna l-eżitu finali mingħand is-Sur Martin Bugelli. Għandu jingħad ukoll b'mod l-aktar ċar li l-għażla tal-kuntrattur għal ġbir ta' l-iskart fiż-Żejtun għandha tkun l-għażla esklussiva tal-Kunsill Lokal Żejtun.** | |
| 13. S. 10 | | | **Is-servizz ta' skart b'emerġenza kien ingħata għal tliet xhur bejn is-7 ta' Lulju sas-7 ta' Ottubru iżda fiċ-ċirkostanzi - Kunsill qabel li dan għandu jibqa' fis-seħħ sa l-aħħar ta' Ottubru 2010.** | |

**13. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 9. 1 | | Hales: Żebgħa safra fi Triq San Klement | Hales talab sabiex issir żebgħa safra minn mal-garaxxijiet basement fi Triq San Klement sabiex ma jsirx parkeġġ peress li min juża l-garaxxijet qed isib diffikultajiet biex joħroġ. Din it-talba ġiet milqugħa. | Darmanin |
| 13. 9. 2 | | Fenech: Pelican Lights fi Triq Labour | Fenech talbet sabiex isiru pelican lights fi Triq Labour. Is-Sindku spjega li din it-talba kienet diġa' saret u tinsab quddiem it-TM. | Darmanin |
| 13. 9. 3 | | Fenech: Ilma qieghed ħdjen sleeping policeman fi Vjal 25 ta' Novembru | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ilma tax-xita li joqgħod ħdejn is-sleeping policeman fi Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku wieġeb li din it-triq ser issir mill-ġdid taħt l-iskema tal-public private partnership. | Sindku |
| 13. 9. 4 | | Pace : Tumbata fi Triq John Borg | Pace irraporta tumbata fi Triq Xandru Farrugia. Is-Sindku qal li din saret mill-Kunsill sabiex titaffa l-problema ta' ilma tax-xita li jinżel għal Triq John Borg. | Sindku |
| 13. 9. 5 | | Pace: Reserved Parking f'Misraħ ir-Repubblika | Pace ġibed l-attenzjoni dwar abbuż ta' reserved parking f'Misraħ ir-Repubblika. Il-Viċi-Sindku spejgat li dan ir-reserved parking ingħata minn TM. Ġie innutat li sfortunatament ir-reserved parkings mhux qed jingħataw li min għandu bżonnhom verament. | Viċi-Sindku |
| 13. 9. 6 | | Seychell: Wirja Filatelika | Seychell fakkar lill-Kunsill li l-Wirja Filatelika ser issir bejn it-22 u d-29 ta' Ottubru u stieden lis-Sindku sabiex jinawguraha. | Seychell |
| 13. 9. 7 | | Seychell: Garaxxijet Vjal 25 ta' Novembru | Seychell semma l-problema tas-sewwieqa sabiex jidħlu u joħrogu mill-garaxxijet fi Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li kienet il-MEPA li tat il-permess għal dan l-iżvilupp bi ħruġ perikoluż. Min-naħa l-oħra l-pedestrians ukoll għandhom problema u mhux is-sewwieqa. Meta jsir il-wiċċ tat-triq ġdid, issir iż-żebgħa tat-traffiku. | Sindku<br>Darmanin |
| 13. 9. 8 | | Wille Piscopo: Attivitajiet tal-Milied | Wille Piscopo talbet sabiex tingħata d-dati ta' l-attivitajiet tal-Milied. Seychell fakkar li l-Kunċert tal-Milied ser isir fis-17 ta' Diċembru u r-riċeviment għall-għaqdiet ser isir fl-20 ta' Diċembru. | Segretarjat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 9. | 9 | Seychell: Siġar neqsin minn Vjal 25 ta' Novembru | Seychell talab sabiex minflok is-siġar neqsin fi Vjal 25 ta' Novembru isiru dawk taż-żebbuġ. Hales spjega li dan mhux rakkomandat għax ma jikkumplimentawx is-siġar li diġa' hemm imħawwlin, speċjalment iż-żnuber. | Hales |
| 13. | 9. | 10 | Hales: Diaries annwali | Hales talab lill-Kunsill jikkunsidra li din is-sena ma jixtrix diaries. Wara evalwazzjoni li saret, il-**Kunsill qabel li jixtri diaries għall-kunsilliera u staff biss.** | Segretarjat |
| 13. | 9. | 11 | Hales: Manutenzjoni Bandli fi Triq Labour | **Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn ta' manutenzjoni fuq il-bandli ta' Triq il-Labour. Il-Kunsill qabel nem.con.** | |
| 13. | 9. | 12 | Wille Piscopo: Manutenzjoni Bandli fi Ġnien San Girgor | Wille Piscopo talbet sabiex issir manutenzjoni fuq il-bandli ta' Ġnien San Girgor. Is-Sindku spjega li bħalissa qed issir evalwazzjoni tal-playfields u nistennew l-eżitu ta' dan l-eżerċizzju. | |
| 13. | 9. | 13 | Viċi-Sindku: Atti Vandali toilets fi Ġnien San Girgor | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar atti vandali li seħħew fuq it-toilets ta' Ġnien San Girgor minn żgħażagħ waqt training tan-nursery tal-Corinthians. Ser issir spezzjoni fuq ir-recordings sabiex nidentifikaw iż-żgħażagħ konċernati. | |
| 13. | 9. | 14 | Viċi-Sindku: Talba għall-barrier fi Triq Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku ressqet l-ilment ta' sid il-confectionery quddiem labour office fi Triq Madonna tal-Ħniena minħabba parking li jsir min-nies li jiġu jinqdew minn dan l-uffiċċju quddiem il-ħanut b'detriment għalih. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Ottubru 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv